

Brussell, 24 ta' April 2026
(OR. en)

8308/26

JEUN 56
EDUC 117
SOC 199
EMPL 89

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2025-2027 <i>- Approvazzjoni</i>

Il-Grupp ta' Ħidma dwar iż-Żgħażaġħ eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq. Id-delegazzjonijiet kollha qablu dwar it-test mehmuż.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jikkonferma li hemm qbil fil-prinċipju dwar it-test mehmuż u jippreżentah lill-Kunsill (EYCS) għall-approvazzjoni fis-sessjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2026 u l-pubblikazzjoni sussegwenti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Abbozz ta' Rizzoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2025-2027

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI
MLAQQGħIN FIL-KUNSILL,

FILWAQT LI JFAKKRU LI:

1. L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027¹ tistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, jimplimentaw l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ b'mod effettiv fl-UE kollha u fl-Istati Membri permezz ta' strumenti speċifiċi, inkluż il-Pjanijiet ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ.
2. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ hija bbażata fuq perjodi ta' ħidma ta' tliet snin li kull wieħed minnhom ikopri żewġ Triji ta' Presidenzi. Il-prijoritajiet u l-azzjonijiet għall-perjodi ta' ħidma rispettivi huma ppreżentati fil-Pjanijiet ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ. Dawk il-pjanijiet għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji gwida u l-prijoritajiet tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, kif ukoll jindirizzaw kwistjonijiet relatati maż-żgħażaġħ f'konfigurazzjonijiet u korpi preparatorji oħra tal-Kunsill fl-oqsma politiċi rilevanti.
3. Il-Pjanijiet ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ huma strumenti maħsuba biex jiggwidaw lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-partijiet ikkonċernati kollha lejn il-kisba tal-oġettivi tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, inkluż id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ (EUJD) u l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ, li huma parti integrali mill-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ.

¹ Ir-Rizzoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġħ: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (ĠU C 456, 18.12.2018).

JIEĦDU NOTA LI:

4. Il-Kunsill ifassal il-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ (2025-2027) abbażi tal-informazzjoni li jirċievi mit-Triju ta' Presidenzi attwali: il-Polonja, id-Danimarka u Ċipru, u t-Triju suċċessiv l-Irlanda, il-Litwanja u l-Greċja.
5. Il-prijoritajiet u l-azzjonijiet ippreżentati f'dan il-Pjan ta' Ħidma rivedut tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ ta' tliet snin jirriflettu l-ħidma tat-Triju ta' Presidenzi attwali (il-Polonja, id-Danimarka u Ċipru) kif ukoll il-ħidma tat-Triju ta' Presidenzi li jmiss (l-Irlanda, il-Litwanja u l-Greċja). Dan il-pjan ta' ħidma jkopri l-bqija tal-fażi ta' implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027.
6. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022², flimkien mal-konklużjonijiet tal-Kunsill³ adottati b'rispons għal dik il-Komunikazzjoni, u r-rapport tal-Kummissjoni⁴ dwar l-evalwazzjoni interim tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019 – 2027 ikkontribwew għat-tisħiħ ulterjuri tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, b'mod partikolari billi aċċelleraw aktar il-ħidma favur il-kisba tal-obiettivi ta' integrazzjoni taż-żgħażaġh u parteċipazzjoni taż-żgħażaġh, fost oħrajn permezz tal-EUYD u bl-implimentazzjoni tal-verifika taż-żgħażaġh fil-livell Ewropew.

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022, COM(2024) 1 final.

³ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022, (ĠU C, C/2024/3543, 31.5.2024).

⁴ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar l-evalwazzjoni interim tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, COM(2024) 162 final.

7. L-evalwazzjoni finali tal-programm Erasmus+ 2014-2020 u l-evalwazzjoni interim tal-programm Erasmus+ 2021-2027⁵ jenfasizzaw il-prestazzjoni tajba tal-programm fis-settur taż-żgħażaġh, fejn il-programm ikkontribwixxa għall-iżvilupp tal-ħiliet soċjali, ċiviċi u intraprenditorjali tal-parteċipanti u uża appoġġ immirat lejn il-parteċipanti żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, bis-saħħa ta' strateġija ta' inklużjoni ddedikata fil-perjodu 2014-2020 u tal-qafas tiegħu ta' miżuri ta' inklużjoni fil-perjodu 2021-2027.
8. L-evalwazzjoni interim tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà 2021-2027⁶ tissottolinja l-impatt qawwi tiegħu f'termini tal-promozzjoni tal-inklużjoni, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet, id-diversità u l-parteċipazzjoni demokratika, u b'hekk isaħħaħ il-valuri Ewropej u s-sens ta' identità Ewropea.
9. Dawn is-sejbiet tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu taż-żewġ programmi kkontribwew għat-tnejjijiet għall-proposta Erasmus+ 2028-2034.
10. Il-Kummissjoni tista' tappoġġa u tikkomplementa l-azzjonijiet mill-Istati Membri li jinsabu f'dan il-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ billi:
 - a) tteġġeġ u tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' esperjenzi u l-aħjar prattiki, tappoġġa l-mobbiltà taż-żgħażaġh u tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, u trawwem il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika u ċivika, filwaqt li tenfasizza wkoll l-importanza tal-konsultazzjonijiet maż-żgħażaġh;

⁵ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar l-evalwazzjoni interim tal-programm Erasmus+ 2021-2027 u l-evalwazzjoni finali tal-programm Erasmus+ 2014-2020, COM(2025) 395 final; Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni interim tal-programm Erasmus+ 2021-2027 u l-evalwazzjoni finali tal-programm Erasmus+ 2014-2020, SWD(2025) 186 final.

⁶ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar l-evalwazzjoni interim tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà 2021-2027 u l-evalwazzjoni finali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà 2018-2020, COM/2025/144 final.

- b) tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ permezz ta' għodod u strutturi eżistenti, fost oħrajn l-EUYD, il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ, il-Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażaġħ, u attivitajiet ta' taġħlim reċiproku bħal gruppi ta' esperti, attivitajiet ta' taġħlim bejn il-pari (PLAs) u konsulenza bejn il-pari, kif ukoll permezz ta' inizjattivi aktar reċenti, bħall-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-UE fil-Qasam taż-Żgħażaġħ⁷, il-Bord Konsultattiv taż-Żgħażaġħ għall-President tal-Kummissjoni Ewropea⁸, in-Network taż-Żgħażaġħ tal-Kummissjoni, id-Djalogi ta' Politika maż-Żgħażaġħ mal-Kummissarji u l-verifika taż-żgħażaġħ tal-Kummissjoni;
- c) tiffaċilita aġġornamenti regolari mill-Istati Membri u skambji magħhom dwar il-prijoritajiet, l-esperjenzi u l-aħjar prattiki nazzjonali relatati mal-politika dwar iż-żgħażaġħ, bħal dwar il-konsultazzjonijiet maż-żgħażaġħ, u l-ħtiġijiet ta' kooperazzjoni, permezz tal-użu tal-Wiki taż-Żgħażaġħ, it-Tabella tal-Indikaturi taż-Żgħażaġħ tal-UE⁹ u l-indikaturi taż-żgħażaġħ, kif ukoll sħarriġ, studji u riċerka;
- d) tikkontribwixxi permezz tal-programmi attwali tal-Unjoni Ewropea li jindirizzaw iż-żgħażaġħ, b'mod partikolari l-programmi Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u permezz ta' sħubijiet u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, b'mod partikolari l-Kunsill tal-Ewropa, l-OECD u n-Nazzjonijiet Uniti.
11. L-EUYD jeħtieġ li jkompli jevolvi u jikber f'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-governanza tal-EUYD¹⁰, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ u l-proposti mill-Konferenzi tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ, b'mod partikolari billi:
- a) tissalvagwarda l-progress li sar fl-inklużjoni matul ċikli preċedenti, fost oħrajn billi tkompli żżid il-parteċipazzjoni ta' gruppi sottorappreżentati ta' żgħażaġħ, inkluż dawk b'inqas opportunitajiet;

⁷ Il-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-UE fil-Qasam taż-Żgħażaġħ - Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ - https://youth.europa.eu/strategy/euyouthstakeholdersgroup_mt

⁸ Il-Bord Konsultattiv taż-Żgħażaġħ għall-President - Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ - https://youth.europa.eu/strategy/pyab_mt

⁹ Eurostat, Tfal u żgħażaġħ, Tabella tal-Indikaturi taż-Żgħażaġħ tal-UE.

¹⁰ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill li tirrieżamina l-linji gwida dwar il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, ĠU C, C/2025/3130

- b) taqsam eżiti u rakkomandazzjonijiet ma' dawk li jfasslu l-politika u ma' partijiet ikkonċernati oħra fil-livelli kollha u tqajjem kuxjenza dwar l-EUYD, anke billi timmobilizza aktar l-ġhodod ta' informazzjoni u l-mezzi ta' komunikazzjoni eżistenti għaż-żgħażaġh fil-livell tal-UE, biex iżżid l-impatt, il-viżibbiltà u l-komunikazzjoni;
 - c) ittejjeb il-monitoraġġ fil-livelli kollha u tiżgura li l-parteciċipanti u l-partijiet ikkonċernati jkunu infurmati aħjar dwar is-segwitu fil-livelli tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali;
 - d) tkompli bl-isforzi biex jiżdied l-impatt tal-EUYD, b'mod partikolari billi tallinja l-konsultazzjonijiet tal-EUYD mal-aġenda ta' politika tal-Kummissjoni u tiżgura rabta qawwija mal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni, kull meta jkun possibbli, biex jiġu massimizzati l-effettività u l-effiċjenza.
12. Fl-2025 u l-2026, il-Kummissjoni qed tmexxi proċess ta' smiġh u kokreazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha taż-żgħażaġh għat-tnejjja tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ lil hinn mill-2027, inkluż rieżami tal-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ. Dan il-proċess ser jinvolvi l-mobilizzazzjoni tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-UE fil-Qasam taż-Żgħażaġħ, u ta' gruppi oħra, laqgħat u avvenimenti bħall-Ġimġha Ewropea taż-Żgħażaġħ 2026 u konsultazzjoni pubblika online, kif ukoll il-konsultazzjonijiet tal-11-il ċiklu tal-EUYD u l-11 u t-12-il ċiklu tal-Konferenzi tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ.
13. L-eżiti tar-raba' Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġh¹¹ ospitata mill-Gvern ta' Malta f'Mejju 2025 – *Aġenzija Żgħażaġħ* (l-aġenzija nazzjonali ta' Malta għaż-żgħażaġh) – u mill-Aġenzija għall-Programmi tal-Unjoni Ewropea (EUPA) għal Malta, flimkien mas-Sħubija taż-Żgħażaġħ UE-Kunsill tal-Ewropa, jissottolinjaw il-valur u l-effettività tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u jirrikonossuha bħala pilastru ewlieni għall-futur tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ.

¹¹ <https://pjp-eu.coe.int/en/web/youth-partnership/4th-european-youth-work-convention->

JISTIEDNU LILL-PRESIDENZI TAL-KUNSILL TAL-11 U T-12-IL ĊIKLI TAL-EUYD:

14. Jipprovdu opportunitajiet għall-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati fil-qasam taż-żgħażaġh biex jiddiskutu l-futur tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh wara l-2027, anke permezz tal-EUYD u b'appoġġ mill-Kummissjoni Ewropea, sabiex ikun hemm l-aħjar sinerġiji possibbli mal-ġenerazzjoni l-għdida ta' programmi u biex jintlaħqu l-obiettivi doppji ta' parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażaġh u l-integrazzjoni taż-żgħażaġh.
15. Filwaqt li jibnu fuq l-istrutturi u l-għarfien espert eżistenti, jappoġġaw Strateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ li tkun sempliċi, immirata u komprensiva għall-ministeri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż iż-żgħażaġh infushom, filwaqt li jiżguraw effettività trażversali u jsejsuha fil-prinċipji tal-aċċessibbiltà, ir-rispett għad-diversità, l-inklużività, il-parteeċipazzjoni fil-ħajja demokratika u l-involviment ċiviku.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX,
F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U FL-ISFERI TA' KOMPETENZA
RISPETTIVI TAGĦHOM:

16. Jiżguraw konsultazzjoni transsettorjali, meta jkun possibbli, fl-istadju bikri tat-tfassil tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ li jmiss u tal-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ, sabiex jiġi appoġġat aktar l-objettiv tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh fl-oqsma kollha ta' politika bħala pilastru ewlieni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ tal-futur.

Reviżjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2025-2027¹²

Data	Metodu ta' ħidma / strument	Mira indikattiva u riżultati	Għanijiet dwar iż-Żgħażaġħ Relatati	Rabta mal-Qafas li jstabbilixxi Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ ¹³	Propost minn
PL, DK, CY Suġġett ġenerali: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1					
2025 (l-ewwel nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar komunità ta' żgħażaġh fl-Ewropa bbażata fuq il-valuri Ewropej għal Ewropa komuni u sikura	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh	fost oħrajn: §2, §4, §5	PL
2025 (l-ewwel nofs)	Riżoluzzjoni tal-Kunsill li tirrieżamina l-linji gwida dwar il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għanijiet Ewropej kollha dwar iż-Żgħażaġħ		PL

¹² Ikkompilata mill-Presidenza CY abbażi tal-informazzjoni preliminari li rċeviet mill-Kummissjoni u mit-Triji ta' Presidenzi PL-DK-CY u IE-LT-EL.

¹³ Ara r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-Qafas għall-istabbiliment ta' Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ (2020/C 415/01).

2025 (l-ewwel nofs)	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ (Lublin, 2-5 ta' Marzu, 2025)	Tishiġ tal-identità Ewropea fost iż-żgħażaġh Ewropej abbażi tal-valuri tat-Trattat, twestiq tal-proċess ta' konsultazzjoni tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ kif ukoll promozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet minn delegati taż-żgħażaġh	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh		PL
2025 (l-ewwel nofs)	Laqgħa tad-DĠ għaż-Żgħażaġħ (Lublin, 5-6 ta' Marzu, 2025)	Diskussjonijiet dwar il-futur tal-programmi tal-UE għaż-żgħażaġh, jiġifieri l-Erasmus+ u l-KES; rieżami tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027; integrazzjoni tal-perspettivi taż-żgħażaġh fit-tfassil ta' politika flivell lokali, nazzjonali u Ewropew	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh		PL
27-28 ta' Marzu 2025, Brussell	L-ewwel laqgħa tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-UE fil-Qasam taż-Żgħażaġħ	Faċilitazzjoni tal-iskambji u l-konsultazzjonijiet maż-żgħażaġh dwar l-inizjattivi ta' politika li ġejjin. Matul l-ewwel laqgħa ta' jumejn, il-parteċipanti tgħallmu dwar inizjattivi ewlenin għaż-żgħażaġh u tal-ħiliet, qasmu Prattiki tajbin, u kkontribwew għall-iżvilupp tal-Istrateġija li jmiss għall-Ekwità Interġenerazzjonali u għall-futur tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ.	L-Għanijiet Ewropej kollha dwar iż-Żgħażaġħ L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh		KUMM

2025 (l-ewwel nofs)	Adozzjoni tar-Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ			§35	KUMM
2025 (l-ewwel nofs)	Attività ta' taġlim bejn il-pari dwar l-integrazzjoni taż-żgħażaġh	Tqajjim ta' kuxjenza u skambju ta' esperjenzi dwar approċċi u mekkaniżmi għall-integrazzjoni taż-żgħażaġh, u r-rabta ma' Djalogu tal-UE msaħħaħ maż-Żgħażaġħ		§28	KUMM
2025 (l-ewwel nofs)	Ir-raba' Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ "Youthwork Xcelerate" (Malta, 28-30 ta' Mejju 2025)	Ħidma favur proposta għal qafas strateġiku Ewropew biex tiġi implimentata l-politika dwar il-ħidma fost iż-żgħażaġh u tiġi rikonoxxuta l-prattika ta' kwalità għolja fil-ħidma fost iż-żgħażaġh		§31	MT, Sħubija taż-Żgħażaġħ UE-KtE, KUMM
2025 (it-tieni nofs)	Seminar/sessjoni ta' ħidma/webinar dwar ir-Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ	Tqajjim ta' kuxjenza dwar informazzjoni ewlenija dwar il-progress tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ u s-sitwazzjoni taż-żgħażaġh		§35	KUMM
8 ta' Lulju 2025, Online	It-tieni laqgħa tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-UE fil-Qasam taż-Żgħażaġħ	It-tieni laqgħa aġġornata dwar l-inizjattivi tal-UE għaż-żgħażaġh, inkluż id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, il-verifika taż-żgħażaġh tal-Kummissjoni, id-Djalogi ta' Politika maż-Żgħażaġħ u l-Bord Konsultattiv taż-Żgħażaġħ għall-President, filwaqt li jinġabar kontribut dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Istrateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili.			KUMM

2025 (it-tieni nofs)	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ li tiffoka fuq il-programm Erasmus+ għall-perjodu 2028-2034 u fuq il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fid-demokrazija (Copenhagen, 21-23 ta' Settembru 2025)	Żieda fil-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fid-demokrazija	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #9: Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #11: Organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u programmi Ewropej	§33	DK
2025 (it-tieni nofs)	Laqgħa tad-DĠ għaż-Żgħażaġħ li tiffoka fuq il-programm Erasmus+ li jmiss (2028-2034) u fuq il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fid-demokrazija (Copenhagen, 22-23 ta' Settembru 2025)	Żieda fil-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fid-demokrazija	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #9: Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #11: Organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u programmi Ewropej		DK
2025 (it-tieni nofs)	Ħolqien ta' taskforce mmexxija miż-żgħażaġh għar-reviżjoni tal-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ	Żgurar li l-proċess tar-reviżjoni tal-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ jitmexxa miż-żgħażaġh fl-istadji kollha, inkluż kemm l-abbozzar kif ukoll id-deċiżjonijiet dwar il-metodoloġija. It-taskforce inħolqot permezz ta' sejħa miftuħa ġestita mill-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ. Il-Kummissjoni tipprovdi finanzjament u appoġġ loġistiku. L-ewwel laqgħa saret f'Diċembru 2025.	L-Għanijiet kollha dwar iż-Żgħażaġħ L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh	§29, §36	KUMM

6 ta' Novembru 2025, Online	It-tielet laqgħa tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-UE fil-Qasam taż-Żgħażaġħ	Konsultazzjoni fil-qafas tal-proċess ta' kokreazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha għat-tnejn tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ li jmiss. It-tielet laqgħa rrieżaminat il-progress fl-inizjattivi ewlenin tal-UE għaż-żgħażaġh u l-prijoritajiet li ġejjin, inkluż it-tnejn għall-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ għal wara l-2027. Il-partijiet ikkonċernati tgħallmu dwar il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE u ġew ikkonsultati dwar l-Inizjattiva dwar it-Trasferibbiltà tal-Filiet, li bħalissa għaddejjja mill-proċess tal-Verifika taż-Żgħażaġħ.			KUMM
2026 (l-ewwel nofs) April	Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ 2026	Il-Kummissjoni Ewropea torganizza l-avveniment tal-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ kull sentejn biex tiċċelebra u tippromwovi l-involviment, il-parteċipazzjoni u ċ-ċittadinanza attiva taż-żgħażaġh. Din ser tinkludi wkoll laqgħa bi preżenza fiżika tal-gruppi ta' ħidma nazzjonali għad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ.	L-Għanijiet Ewropej kollha dwar iż-Żgħażaġħ	§28	KUMM

2026 (l-ewwel nofs)	Riżoluzzjoni dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2025-2027 (reviżjoni)	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għanijiet Ewropej kollha dwar iż-Żgħażaġħ	§36	CY
2026 (l-ewwel nofs)	Riżoluzzjoni dwar l-eżiti tal-11-il ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh	§13a, §14, §29, §36	CY
2026	Laqgħa tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-UE fil-Qasam taż-Żgħażaġħ (mill-inqas laqgħa waħda f'sena)	Faċilitazzjoni tal-iskambji u l-konsultazzjonijiet maż-żgħażaġh dwar l-inizjattivi ta' politika li ġejjin	L-Għanijiet Ewropej kollha dwar iż-Żgħażaġħ L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh		KUMM
2026 (l-ewwel nofs)	Djalogu ta' Politika maż-Żgħażaġħ "Young Voices for the Ocean" (Ayia Napa, 19 ta' Marzu 2026)	Djalogu ta' Politika maż-Żgħażaġħ "Young Voices for the Ocean" mal-Kummissarji Kadis u Micallef fil-qafas tal-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh		KUMM
2026 (l-ewwel nofs)	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ (Nikosija, 17-20 ta' Marzu 2026 u online)	Konklużjoni tal-11-il ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ; diskussjoni dwar il-prijorità ta' CY (jiġifieri l-iżgurar li l-politiki jkunu adattati għaż-żgħażaġh) u l-futur tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ. Il-parteċipazzjoni tal-Kummissarji Kadis u Micallef tirrifletti l-obiettivi tal-Għan dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh.	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh	§10d, §26	CY

2026 (l-ewwel nofs)	Laqgħa tad-DĠ għaż-Żgħażaġħ (Nikosija, 19-20 ta' Marzu 2026 u online)	Diskussjonijiet dwar l-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġħ, u primarjament kif jista' jiġi żgurat li l-politiki fil-livell nazzjonali u tal-UE, kif ukoll il-futur tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, ikunu adattati għaż-żgħażaġħ	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġħ		CY
2026 (l-ewwel u t-tieni nofs)	Konsultazzjonijiet maż-żgħażaġħ dwar l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ li jmiss	Diversi konsultazzjonijiet maż-żgħażaġħ huma ppjanati għal Marzu-Ottubru 2026 biex jiggrawidaw il-ħidma fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ wara l-2027, billi jintuża wkoll il-proċess tal-EUYD		§36	KUMM

IE, LT, EL

Suġġett ġenerali: Informazzjoni u djalogu kostruttiv Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #4

2026 (it-tieni nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-għoti ta' setgħa liż-żgħażaġh biex jinnavigaw u jirnexxu f'ambjent saturat bl-informazzjoni li qed jevolvi u li jippreżenta sfida	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #4: Informazzjoni u djalogu kostruttiv	§29	IE
2026 (it-tieni nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżgurar li ż-żgħażaġh fl-Ewropa jkollhom spazji sikuri u aċċessibbli biex jiltaqgħu, jinvolvu ruħhom u jagħmlu konnessjonijiet	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #4: Informazzjoni u djalogu kostruttiv	§29	IE
2026 (it-tieni nofs)	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ 27-30 ta' Settembru 2026	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ u laqgħa tad-DĠ (<i>poss.</i>) Rakkomandazzjonijiet politiċi Skambju tal-aħjar prattiki	L-Għanijiet Ewropej kollha dwar iż-Żgħażaġħ	§26, §28, §34	IE, KUMM
2026 (it-tieni nofs)	Attività ta' taġlim bejn il-pari dwar il-politika lokali dwar iż-żgħażaġh	Sensibilizzazzjoni u skambju ta' esperjenzi u l-aħjar prattiki dwar il-politika lokali dwar iż-żgħażaġh	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #3: Soċjetajiet inklużivi	§28	BG

2027 (l-ewwel nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Għoti ta' Setgħa liż-Żgħażaġħ fl-Era Diġitali: Żvilupp ta' Reżiljenza Psikoloġika, Ċivika u Demokratika fl-Ewropa	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #4: Informazzjoni u djalogu kostruttiv	§6, §34	LT
2027 (l-ewwel nofs)	Konferenza dwar l-iżgurar tar-reżiljenza taż-żgħażaġh fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni.	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ u laqgħa tad-DĠ (poss.) Rakkomandazzjonijiet politiċi Skambju tal-aħjar prattiki	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #4: Informazzjoni u djalogu kostruttiv	§6, §34	LT
2027	Laqgħa tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-UE fil-Qasam taż-Żgħażaġħ (mill-inqas laqgħa waħda f'sena)				KUMM
2027 (l-ewwel nofs)	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ wara l-2027			§11, §13(a), §15, §26, §36	KUMM
2027	Attività ta' taġlim bejn il-pari (is-suġġett għad irid jiġi deċiż)			§29	KUMM
2027 (it-tieni nofs)	(poss.) Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar it-12-il ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #4: Informazzjoni u djalogu kostruttiv Għanijiet sekondarji li għandhom jiġu deċiżi mill-ESG tat-12-il ċiklu		EL

2027 (it-tieni nofs)	Konferenza dwar l-ġoti ta' setgħa liż-żgħażaġh biex ikunu utenti u produtturi kritiċi u responsabbli tal-informazzjoni (is-suġġett tal-konferenza għandu jiġi deċiż skont l-għanijiet sekondarji li għandhom jintgħażlu f'kollaborazzjoni mal-ESG tat-12-il ċiklu)	Rakkomandazzjonijiet politiċi Skambju tal-aħjar prattiki	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #4: Informazzjoni u djalogu kostruttiv Għanijiet sekondarji li għandhom jiġu deċiżi mill-ESG tat-12-il ċiklu	§6, §10(a), §21	EL
2027 (it-tieni nofs)	Konferenza ministerjali informali jew laqgħa ta' livell għoli jew laqgħa tad-DĠ għaż-Żgħażaġħ	Skambju ta' ideat bejn id-DĠs dwar il-prijoritajiet EL	It-tema tal-laqgħa tad-DĠ għandha tiġi deċiża skont il-prijoritajiet tal-Presidenza EL u tal-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #4: Informazzjoni u djalogu kostruttiv (12-il ċiklu)		EL
2027 (it-tieni nofs)	(<i>poss.</i>) Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ wara l-2027	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għanijiet Ewropej kollha dwar iż-Żgħażaġħ	§6, §10(a), §11, §13(a), §15, §21, §26, §36	EL